32000R1961

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1961/2000

tal-15 ta' Settembru 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 174/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 804/68 fir-rigward ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni u rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fil-każijiet tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1670/2000 [2], u b'mod partikolari Artikolu 26(3), 30 u 31(14) tiegħu,

Billi:

(1) Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 fir-rigward ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni u rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1596/1999 [4], li jipprovdi diversi miżuri ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu ma' liċenzi maħruġa, u b'mod partikolari l-poter ta' suspensjoni tal-liċenzi maħruġa. Esperjenza wriet li l-possibbilità ta' sospensjoni tal-preżentata tal-liċenzji għandha tkunu estiża biex jiffrankaw lill-kummerċjanti, l-awtoritajiet nazzjonali u lill-Kummissjoni u x-xogħol bla bżonn.

(2) Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 jipprovdi għall-għoti ta' rifużjonijiet għal diversi żoni ta' destinazzjoni fil-każ ta' esportazzjoni tal-ġobon. Bħala riżultat tat-tibdil fir-rata tar-rifużjoni għal xi whud minn dawn id-destinazzjonijiet, id-definizzjoni taż-żoni konċernati għandhom ikunu aġġustati.

(3) Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 jippreskrivi ċertu dispożizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-ġobon lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika taħt ċertu kwoti ta' tariffi. Minkejja l-fatt li, matul l-1 ta' Lulju 2000, ir-rati tal-ħlas lura għall-ċertu ġobon esportat lill-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu zero, preżentazzjoni ta' liċenza ta' l-esportazzjoni u l-għoti ta' garanzija huma wkoll indispensabbli għal kwalunkwe esportazzjonijiet li jagħmlu r-reġim jiffunzjona tajjeb. Id-dispożizzjonijiet konċernati għandhom jiġu aġġustati kif suppost.

(4) Għandha ssir dispożizzjoni għall-allokazzjoni tal-liċenzi fuq il-bażi ta' ċertu kriterji stabbiliti f'Artikolu 20(3) li għandhom ikunu deċiżi b'mod konformi mal-proċedura f'Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999.

(5) Billi l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' l-esportazzjoni li ssir referenza għalihom f'Artikolu 20 għandhom ikunu mitfuha f'nofs Settembru 2000, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.

(6) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolmanent (KE) Nru 174/1999 hu emendat kif ġej:

1. Artikolu 10 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Liċenzi ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata meta l-applikazzjonijiet ikunu sottomessi, dejjem jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu intalbu liċenzi ikunu ġew komunikati skond Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1498/1999 (*) u li l-miżuri speċjali msemmija f'punti (a) u (b) ta' l-ewwel sub-inċiż ta' paragrafu 3 ma jkunux ġew adottati fil-frattemp.

2. Deċiżjoni tista' tittieħed biex tadotta waħda jew iżjed mill-miżuri speċjali provduti fil-paragrafu 3 fejn il-ħruġ tal-liċenżji:

(a) jidher li x'aktarx jirriżulta f'eċċess tar-riżorsi ta' l-estimi disponibbli jew fl-eżawriment tal-kwantitajiet massimi li jistgħu ikunu esportati b'rifużjonifil-perjodu ta' 12-il xahar in kwistjoni jew f'perjodu iżgħar li għandu jkun determinat skond Artikolu 11;

jew

(b) li ma jħallix il-kontinwità ta' l-esportazzjoni biex tkun garantita matul il-qbija tal-perjodu konċernat;

jew

(ċ) jwassal għal distorzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-kummerċanti.

Għall-iskopijiet ta' l-ewwel sub-inċiż, għandu jitqies, fir-rigward tal-prodott in kwistjoni, tan-natura staġunali tal-kummerċ, is-sitwazzjoni tas-suq u b'mod partikolari it-tendenza fil-prezzijiet u l-kondizzjoni ta' l-esportazzjoni li jirriżultaw minn hemm.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
[2] ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 10.
[3] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.
[4] ĠU L 188, tal-21.7.1999, p. 39.

3. Fil-każijiet li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2, tal-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, għall-prodott jew prodotti in kwistjoni:

(a) tirriġetta kollox jew parti mill-applikazzjonijiet pendenti għal-liema liċenzi ta' l-esportazzjoni għandhom ma nħarġux;

(b) tapplika ko-effiċjent għall-kwantitajiet mitluba. Fejn ko-effiċjent ta' inqas minn 0,4 hu applikat fil-kwantitajiet mitluba, applikanti jistgħu, fi tlett ijiem ta' xogħol tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiffissa l-ko-effiċjent, titlob il-kanċellazzjoni tal-liċenzja tagħhom u titlob il-ħelsien tal-garanzija tagħhom;

(ċ) tissospendi t-tfigħ ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzi għall-massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol.

Kif ukoll, b'mod konformi mal-proċedura li hemm provduta f'Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li:

(a) tissospendi t-tfigħ ta' l-applikazzjoni tal-liċenzi għall-prodott jew prodotti kkonċernati għal perjodu li jeċċedi ħamest ijiem tax-xogħol;

(b) fl-aħħar tal-perjodu tas-sospensjoni tat-tfigħ ta' l-applikazzjonijet jew wara li l-applikazzjonijiet ġew riġettati, tiffissa rifużjonijiet b'sejħa għall-offerti ta' prodotti li jaqgħu taħt kodiċi NM 0402 10 19, 0405 10 90, 0405 90 10, 0405 90 90 u 0405 10 19. il-liċenzi relattivi għandhom imbagħad jinħarġu.

(*) ĠU L 174, tad-9.7.1999, p. 3."

2. Artikolu 15(3) hu mibdul b'dan li ġej:

"3. Iż-żoni li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kif ġej:

— Żona I: kodiċi ta' destinazzjoni 055, 060, 070 u 091 sa 096 (inklużivi),

— Żona II: kodiċi ta' destinazzjoni 072 sa 083 (inklużivi)

— Żona III: kodiċi ta' destinazzjoni 400,

— Żona IV: il-kodiċi ta' destinazzjoni kollha l-oħra."

3. Artikolu 20 hu emendat kif ġej:

(a) L-ewwel sub-inċiż ta' paragrafu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"2. Esportazzjoni tal-ġobon lill-Istati Uniti ta' l-Amerika taħt il-kwoti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bla ħsara għal-liċenza ta' l-esportazzjoni.

Kummerċjanti jistgħu japplikaw, fil-perjodu li għandu jkun determinat, għal-liċenza ta' l-esportazzjoni proviżorja għall-esportazzjoni ta' prodotti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 matul is-sena kalendarja bla ħsara għall-għoti tal-garanzija ta' 50 % tar-rata li għandha tkun iffissata ma' Artikolu 9, bil-minimu ta' EUR 9 għal 100 kg."

(b) L-ewwel sentanza ta' paragrafu 3 hija emendata kif ġej:

"3. Fejn applikazzjonijiet għal-liċenzi proviżorji huma sottomessi fir-rigwrad ta' kwantità ta' prodotti fl-eċċess ta' wieħed jew iżjed mill-kwoti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 għas-sena in kwistjoni, il-Kummissjoni tista', b'mod konformi mal-proċedura mfassla f'Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999."

(ċ) Paragrafu 11 hu mibdul b'dan li ġej:

"11. Kapitolu I, bl-eċċezzjoni ta' l-ewwel sentenza ta' Artikolu 1(1) u Artikolu 10 għandu japplika għal-liċenzi kollha. Iżda, it-terminu tal-validità tal-liċenzi kif provdut f'Artikolu 6 ma jistgħux ikunu estiżi iktar mill-aħħar tas-sena konċernata."

Artikolu 2

Danir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni